

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/762

tal-25 ta' April 2017

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 479/2013 dwar eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kurit Neum**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-punt (a) tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2013 (¹) jipprevedi għal eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kurit Neum, meta l-kunsinna ta' merkanzija tal-Unjoni jkollhom valur totali li ma jaqbiżx l-EUR 10 000 u meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi akkumpanjata minn fatturi jew dokumenti tat-trasport li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fil-punt (b) ta' dak l-Artikolu ("l-eżenzjoni").
- (2) Il-limitu ta' EUR 10 000 ġie stabbilit bir-referenza għal-limitu ta' valur ekwivalenti li ġie stipulat fl-Artikolu 317(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (²).
- (3) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³), l-Artikolu 317(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ġie sostitwit bl-Artikolu 126(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 (⁴), li jipprevedi limitu ta' EUR 15 000 Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-legħażżejjek doganali tal-Unjoni, huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni jiġi allinjal għal dak il-limitu.
- (4) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' ċarezza legali, jenħtieġ li ċerti referenzi fir-Regolament (UE) Nru 479/2013 jiġu aġġornati.
- (5) Huwa għalhekk xieraq li r-Regolament (UE) Nru 479/2013 jiġi emendat skont dan,

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2013 tat- 13 ta' Mejju 2013 dwar eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kurit Neum (ĠU L 139, 25.5.2013, p. 1).

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 479/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(1) “merkanzija tal-Unjoni” tfisser merkanzija tal-Unjoni kif definita fil-punt (23) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);

(\*) Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).”;

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-figura ta' “EUR 10 000” hija sostitwita bil-figura “EUR 15 000”;

(b) il-punt (b)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) jinkluu għall-inqas id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 126(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 (\*);

(\*) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Luju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.(ĠU L 343. 29.12.2015, p. 1).”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. BORG